Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1015/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(Il-pubblikazzjoni ta' simboli tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1015/2010)

(2012/C 206/05)

Skont l-Anness I.1.(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1015/2010 [1] li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE [2], iċ-ċikli li jnaddfu l-ħwejjeġ tal-qoton li ma jkunux maħmuġin ħafna (minn hawn 'il quddiem programmi standard għall-qoton) f'40 °C u 60 °C għandhom ikunu użati għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija u l-parametri l-oħra għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi. Dawn iċ-ċikli għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar fuq it-tagħmir tal-għażla tal-programm tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi jew id-displej tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, kemm jekk ikun hemm wieħed minn dawn it-tipi ta' tagħmir kif ukoll jekk ikun hemm it-tnejn, u jkunu indikati bħala "programm standard għall-qoton f'60 °C" u "programm standard għall-qoton f'40 °C".

Biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ċara ta' programmi standard rilevanti għall-qoton jew programmi awtomatiċi fuq it-tagħmir tal-għażla tal-programm tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi jew id-displej tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, għandhom japplikaw is-simboli tranżitorji li ġejjin jipprovdu l-preżunzjoni tal-konformità:

— għall-"programm standard għall-qoton f'60 °C":

— għall-"programm standard għall-qoton f'40 °C":

— għall-"programm standard għall-qoton" f'tagħmir fejn it-tagħmir tal-għażla tal-programm huwa separat mit-tagħmir tal-għażla tat-temperatura:



F'tagħmir fejn il-programm u t-temperatura jiġu magħżulin billi jintużaw mekkaniżmi separati, it-tliet vleġeġ għandhom ikunu preżenti fuq il-pannell tal-għażla.

Dawn is-simboli tranżitorjii fl-aħħar mill-aħħar ser jinbidlu b'simboli pprovduti fl-istandard(s) armonizzat(i), għall-finijiet ta' konformità u verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1015/2010, li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2009/125/KE.

---

[1] ĠU L 293, 11.11.2010, p. 21.
[2] ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.